**Minuti tal-wieħed u sebgħin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter**

Il-71 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter saret nhar il-Ħamis 13 t' Awwissu 2015. Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Nicholas Azzopardi, is-Sur Norman Clews u s-Sur Joseph Agius.

Inqrat ittra ta' skuża mibgħuta mill-Viċi-*Chairperson* is-Sur Luciano Farrugia fejn talab li jiġi skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kumitat. Fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Clews, il-Kumitat qabel unanimament li s-Sur Farrugia jiġi skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tas-70 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Clews li ġiet issekondata mis-Sur Azzopardi.

Item 3 – Mistoqsijiet u affarijiet mill-minuti

Dwar is-sinjali tat-traffiku li saru fi Triq l-Għakrux, is-Sur Bartolo qal li meta kien imsiefer kien irċieva komunikat mis-Sindku dwar il-ħtieġa li jsiru marki tat-traffiku ħdejn il-ħanut *Miracle Foods* fi Triq l-Għakrux. Iċ-*Chairperson* żied jgħid li għalkemm ma sabx oġġezzjoni li jsiru s-sinjali kif mitlub mis-Sindku, fl-ebda ħin ma ngħata l-impressjoni li l-marki tat-traffiku kienu ser isiru fit-triq kollha.

Dwar il-*parking bays* fi Triq il-Profs J G Baldacchino ċ-*Chairperson* talab li dawn jiġu rranġati fl-iqsar żmien possibbli.

Iċ-*Chairperson* tkellem dwar il-*pipe* tal-ilma tat-tisqija li sar fi Triq San Leonardu u qal illi l-Kumitat ser jitkellem mal-proprjetarju tal-għalqa biex il-*pipe* jiġi rranġat bl-aħjar mod mingħajr ma jkun ta' nkonvenjent għall-pubbliku u bla ma jkerraħ l-ambjent tal-post.

Is-Sur Clews talab li jkun hemm tindif aktar regolari tal-*bring-in-site* li hemm fi Triq San Leonardu u qal ukoll li parti mid-drapp tax-xibka li hemm mal-*fence* fi Triq San

Leonardu kien inqala'. Is-Sur Azzopardi ssuġġerixxa li ssir talba biex dan id-drapp jiġi rranġat aħjar jew inkella jinqala'.

Iċ-*Chairperson* semma l-problema tad-drenaġġ li qiegħed ikun hemm fi Triq Dun Salv Sciberras u talab li jinstab rimedju permanenti għal din il-problema.

Is-Sur Clews reġa' semma l-inkonvenjent li qiegħed jinħoloq minħabba ġarr ta' materjal minn u lejn l-impjant tat-tisfija tad-drenaġġ f'Ta' Barkat u talab li l-awtoritajiet kompetenti jassiguraw li ma jkunx hemm inkonvenjent u detriment għal saħħet ir-residenti kawża ta' dan it-trasport ta' materjal.

Fl-aħħarnett iċ-*Chairperson* talab li l-Kumitat jerġa' jikteb lill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura Joe Mizzi u jitolbu biex Triq in-Naħla, Triq il-Werżieq u Triq iż-Żarżarell jiġu rranġati mill-Gvern Ċentrali.

Il-laqgħa spiċċat fis-7:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 17 ta' Settembru 2015.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-72 laqgħa tal-Kumitat li saret nhar il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2015.

Mario Bartolo
*Chairperson*